**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 75 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Caven Cutajar**

Illum, 15 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Caven Cutajar ta' 48 il-sena, bin John u Mercedes xebba Gomez Blanco imwieled Attard nhar il-5 ta' Settembru 1970, residenti gewwa l-fond 60, Arzella, Flat 1, Triq Fortunat Dalli, Zurrieq u detentur tal-karta ta' l-identita 007271 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Gewwa l-fond Arzella, Flat 1, Triq Fortunat Dalli, Zurrieq u/jew fi bnadi ohra f'Malta, nhar il-20 t'Ottubru 2018, u fil-jiem u x-xhur ta' qabel:

1. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Nataliya Pirova detentrici tal-karta ta' l-identita 173912(A), biza' li ser tintuza vjolenza fuq il-persuna taghha

Illi huwa gie akkuzat ukoll talli nhar il-14 ta' Ottubru, 2018 fil-fond Arzella, flat 1, Triq Fortunat Dalli, Zurrieq:

2. Hebb ghall Nataliya Pirova sabiex jingurajha idejaqa jew b'xi mod jaghmilha l-hsara

U aktar talli fl-istess lok, fl-20 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar:

3. Ghamel lil Natilya Pirova inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

F'kaz ta' ħtija, l-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Nataliya Pirova ai termini ta' l-artikolu 412 (C) , tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Gunju, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 251 B (1), 339 (1) (d) u 339 (1) (e), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Caven Cutajar hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2).

Ai termini ta' l- Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rabtet lill-hati Caven Cutajar b' Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien sentejn (2) mil-lum ghall-protezzjoni ta' Nataliya Pirova. Il-Qorti fissret lill-imputat Caven Cutajar bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ordnat notifika ta' din is-sentenza u d-digriet anness lil Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Caven Cutajar minnu pprezentat fil-15 ta' Gunju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Gunju 2020 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkosistu fis-segwenti:

L-Ewwel Aggravju – **sejbien ta' htija ai termini tal-Artikolu 251B(1)**

"(1) *Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti,dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija ...*"

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, kif huwa dispost fil-gurisprudenza nostrana sabiex imgieba tammonta ghal-ksur tal-Artikolu 251B(1) tal-Kap.9 irid jigi pruvat illi tali imgieba sehhet f'tal-anqas zewg okkazzjonijiet.

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Carmel Gauci** moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar l-20 ta' Novembru 2018, Kaz Nru 262/2018 li ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** fl-24 ta' April 2009 fejn intqal hekk:

"*Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:*

*"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*

L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "*A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem 'on each of those occasions' huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, 'on at least two occasions'*. Ghal xi ragunu – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem '*on at least two occasions*' thallew barra.

Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:

*" 'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'*

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal 'course of conduct' ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B (1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali 'imgieba', haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal 'course of conduct' ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B (1) tal-Kap. 9."*

Filwaqt li l-fatti kif esposti mill-*parte civile* matul ix-xhieda taghha huma kompletament ikkontestati, jigi sottomess illi l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova sal-grad rikjest milli ligi sabiex tissodisfa l-elementi tal-Artikolu 251B(1);

Il-parte civile matul ix-xhieda taghha naqset milli tindika x'kienet din l-imgieba da parti tal-appellant li sehhet ghal aktar minn darba u li kkwazat biza li ser tintuza vjolenza fuqa. L-unika haga li hija tghid huwa li matul dan iz-zmien kienet tigi insultata. Allegat agir li zgur ma jammontax ghal imgieba li seta wassal li ser tintuza vjolenza fuqha.

Jigi wkoll rilevat illi bil-mod ta' kif sehhew il-fatti hekk allegati mill-parte civile, ma setghet qatt tinstab htija ai termini tal-Artikolu 251B(1). Jigi sottomess illi jekk din il-Qorti kellha thares lejn id-dicitura ta' dan l-Artikolu u cioe' jibża' li se tintuża

vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu, din il-Qorti ghandha tinnota li dan l-artikolu qieghed hemm sabiex jipprevjeni atti ta' natura kriminali fil-konfront tal-vittma u mhux biex jissanzjona l-fatt kompjut.

Jigi rilevat illi it-tieni imputazzjoni u cioe' li l-appellant allegatament hebb ghall-parte civile tipprekludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 251B, ladarba l-att mertu tal-ewwel imputazzjoni sehh wara it-tieni imputazzjoni.

Ghalhekk la darba l-appellant kien qieghed jigi akkuzat li fl-14 ta' Ottubru wettaq fatt kompjut (li hebb ghall-parte civile u mhux agir li jwassal ghal biza li ser ihebb ghaliha) ma setax jigi sussegwentement akkuzat li l-agir tieghu holoq biza fil-parte civile:

1) Fl-14 ta' Ottubru qieghed jigi allegat li l-appellant hebb ghall-parte civile, u ghalhekk skont l-imputazzjoni ma kien hemm l-ebda att ta' biza li ser tinholoq vjolenza izda allegatament tali vjolenza sehhet.
2) Ma giet bl-ebda mod pruvat fil-mori tal-kawza li bejn l-14 ta' Ottubru 2018 u l-20 ta' Ottubru 2018 sehhew atti ohra li allegatament holqu biza fil-kwerelanta.

Konsegwentement in vista ta' dawk hawn fuq sottomess ma tezisti l-ebda raguni fil-fatt u fid-dritt sabiex l-appellant jinstab hati.

It-Tieni Aggravju – **sejbien ta' htija ai termini tal-Artikolu 339(1)(d)**

> *"ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor,kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi"*

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza l-appellanti jissottometti illi ma kellu qatt jinstab hati u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Fl-ewwel lok mill-atti processwali jirrizulta illi tali cirkostanzi li waslu ghal tali akkuza ma gew qatt ikkonfermati bil-gurament mill-*parte civile.*

L-esponenti jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li meta l-parte civile telghet fuq il-pedana tax-xhieda hija xehdet li c-cirkostanzi, fuq liema l-appellant kien qed jigi akkuzat li wettaq kontravezjoni, sehhew fit-13 ta' Ottubru 2018. Filwaqt li l-

akkuza kienet tiddisponi li l-allegata kontravenzjoni sehhet nhar l-14 ta' Ottubru 2018.

> "*If I remember the date 13, in the morning*" – Xhieda ta' Natalia Pirova datata 9 ta' Novembru 2018

Minkejja li tali punt tqajjem matul it-trattazzjoni tal-odjerni proceduri, il-Qorti in *prim istanza* xorta wahda procediet sabiex issib htija da parti tal-appellant, meta dan ma kellu qatt isehh.

Jigi sottomess illi tali sejbien ta' htija jmur kontra skorta ta' sentenzi li konswetudement inghataw mill-Qrati nostrani ta' gudikatura kriminali u cioe' li la darba l-*parte civile* tonqos milli tikkonferma bil-gurament l-fatti wara l-akkuza, allura tali akkuza taqa.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li ghalkemm huwa minnu li l-gurisprudenza nostrana tiddisponi li sabiex tisussisti kontravenzjoni ai termini tal-Artikolu 339(1)(d), il-potenzjonalita ta' kuntatt fiziku huwa bizzejjed. F'dan il-kaz, (ghalkemm tali potenzjalita ma giet bl-ebda mod ippruvata u dan billi kull ma tressaq quddiem il-Qorti in prim istanza kienet ix-xhieda tal-parte civile u tal-esponenti) il-Qorti kellha tistharreg oltre minn tali potenzjalita sabiex issib htija.

Il-prosekuzzjoni ma kinitx qed takkuza biss lill-appellant li l-ghagir tieghu f'dik il-gurnata partikolari wassal ghall-potenzjalita ta' tali kuntatt, izda li fattwalment dan il-kuntatt fiziku sehh. Jekk din l-Onorabbli Qorti kellha thares lejn ix-xhieda tal-parte civile tinnota, li mhux biss kien hemm konfront ravvicinat, izda skontha hija qalet diversi daqqiet minghand l-appellant.

> "*so he kicked me with his foot on my back and then he started hitting the ironing board with his hand and them my shoulders from both*" .... "*and then he me there again and at that moment i screamed to stop ...*"

Il-fatti hekk kif deskritti mill-parte civile baqghu qatt ma gew pruvati u dan billi c-certifikat mediku a fol 10 tal-process prezentat mill-prosekuzzjoni jixhed kompletament il-kontra. It-tabib li nvista l-parte civile gimgha wara li sehh l-allegat att ddikjara li fuq gisem il-parte civile ma kien l-ebda sinjali jew griehi.

Ghalkemm din l-Onorabbli Qorti jaf ma jkollix il-possibilta li tara b'ghajnejja u tqabbel l-istatura kemm tal-*parte civile* u dik tal-appellant, jinghad illi huwa inversomili kif jista jkun li l-appellant; li ghandu statura kemm xejn kbira, ma jhalli l-ebda marki fuq gisem il-*parte civile,* li kieku dak l-agir kif deskritt minnha verament sehh

Ghalhekk jigi umilment sottomess li la darba l-*parte civile* allegat li sehh tali kuntatt fiziku, il-Qorti in prim istanza ma kellhiex tistrieh biss fuq il-potenzjalita ta' tali kuntatt, li fi kwalunkwe kaz ma ngibet l-ebda prova tieghu, izda jekk dak mixhud mill-*parte civile* fattwalment sehhx oltre kull ombra ta' dubbju.

It-Tielet Aggravju – **sejbien ta' htija ai termini tal-Artikolu 339(1)(e)**

> *"jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;"*

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-sejbien ta' htija tat-tielet akkuza issir referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet:

**<u>Il-Pulizija vs Caroline Sammut</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell, nhar 21 ta' Jannar 2016, App Nru 123/2015:

> *"Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet allura din il-Qorti issa trid tistharreg jekk meta l-appellanti ghajjret lil Bonnici hija harrgitx barra mill-limiti tal-provokazzjoni kif stabbilit fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9. Illi kif gie stabbilit superjorment minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta:*
>
> *"… huwa evidenti li l-legislatur, meta si tratta tal-ingurja kontravvenzjonali kontemplata f'dana l-paragrafu, (u cioe' meta ma tkunx l-ingurja maghmula bil-hsieb specifiku li ttelef jew tnaqqas il-gieh ta' xi hadd, kif kontemplat fl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali) qed jikkontempla mhux biss in-non-punibilita izda addirittura in-non-reita tal-ingurja maghmula animus retorquendi minhabba provokazzjoni, basta li jkun hemm element ta' proporzjonalita bejn il-provokazzjoni u ir-ritorsjoni. Din id-dissoluzzjoni tal-htija isehh in omagg ghall-aforisma ta' Papinjanu "paria delicta mutual compensatione dissolvuntur (jew tolluntur)."*

**__Il-Pulizija Vs Rocco D'Alessandro__** moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-20 ta' Mejju 2013, App Nru 233/2012

> *"It-tieni imputazzjoni hija li huwa inġurja jew hedded lil martu. L-ewwel nett wieħed irid jifhem xi tfisser il-klema 'theddid'. Skont ma ntqal fis-sentenza '**__Il-Pulizija vs Joseph Frendo'__** fil-Qorti tal-Appell Kriminali (7 ta' Lulju 1995): 'Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, 'theddid' tfisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (liema ħsara ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-Kodiċi) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess aġent.'"*

F'dan ir-rigward jigi sottomess illi x-xhieda tal-*parte civile* ma hijiex korraborata minn terzi persuna u hija kompletament kontradetta mix-xhieda tal-appellant innifsu.

Ic-cirkostanzi tal-kaz, kif ser jigi spjegat aktar fid-dettal hawn taht, juru illi dak li xehdet fuqu il-*parte civile* huwa kompletament invertier, u daqstant ma jistax iwassal lil gudikatur sabiex jemmen oltre kull ombra dubbju li dak allegat verament sehh.

Ir-Raba Aggravju – **Nuqqas ta' prova oltre kull ombra ta' dubbju;**

Illi l-appellanti jissottometti illi fis-sejbien ta' htija tieghu il-Qorti tal-Magistrati ghazlet illi tistrieh fuq il-fatti kif esposti mill-parte civile u dan minghajr ma ngiebet l-ebda prova terza bil-ghan illi tikkorabora dak li hija kienet qed tghid.

Jekk din l-Onorabbli Qorti kellha thares lejn ix-xhieda ta' Nataliya Pirova kif prezentata quddiem il-Qorti in prim istanza u mill-banda l-ohra dak li hija stqarret mal-ufficjali tal-Agenzija Appogg, tinnota li jezistu diskrepanzi kbar fiz-zewg verzjonijiet.

Minghajr pregudizzju ghal-fatt li dak imnizzel fuq ir-rapport tal-Agenzija Appogg jikkostitwixxi detto del detto, il-fatti hekk kif esposti quddiem l-ufficjali huma aktar gravi u differenti minn dak li hija xehdet fuqhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Din id-diskrepanza tfisser li l-fatt kif esposti minn Nataliya ma humiex veritieri. Meta wiehed jigi affacjat b'tali fatti il-mistoqsija tqum wehidha, ghalxiex quddiem l-ufficjali tal-appogg xehdet mod, imbghad quddiem il-qorti xehdet b'mod vag ghall-ahhar?

Ulterjorment huwa ferma stramb kif l-*parte civile* tallega li s-sieheb taghha hebb fis-sens fattwali tal-kelma ghaliha u qaghdet tistenna gimgha sabiex tmur tirraporta dan l-agir lil pulizija, mhux talli hekk, talli tant kemm bl-agir tal-20 ta' Ottubru 2018 bezghet li ser tintuza vjolenza fil-konfront taghha li qadet tistenna sal-ghada sabiex taghmel ir-rapport.

U dan minghajr ma wiehed jerga jsemmi li c-certifikat mediku kkonferma l-kontra ta' dak li hija xehdet u li x-xhieda tal-parte civile giet kompletament kontradetta mill-appellant

Daqstant anki abbazi ta' dan l-aggravju ma kelliex tinstab htija da parti tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.
Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta ta' l-1 ta' Settembru 2020
Ikkunsidrat,
Illi f'din il-kawza l-appellant instab hati tal-akkuzi kollha u ghalhekk sabiex din il-Qorti tara jekk l-gudizzju ta' l-ewwel Qorti kienx wiehed '*safe and satifactory*' hija kellha tifli l-process u taghmel apprezzament tax-xhieda imresqa mill-partijiet.

**Natalia Pirova** xehdet nhar id-9 ta' Novembru, 2018 bil-lingwa Ingliza u kkonfermat li nhar il-21 ta' Otubru, 2019 jum il Hadd marret l-ghassa tal-pulizija f'xi hin qabel nofsinhar. Spjegat li tkellmet mal-pulizija u ma xi rapprezentanti tal-Appogg u qaltilhom li lejliet wara ix-xoghol meta waslet id-dar ghall-habta tat-3.00p.m sabet l-*partner* taghha, l-appellant id-dar ma binhom ta' hames snin. Qalet li ma tantx kienu qed jitkelmu bejniethom u meta irritornat id-dar staqsiha fejn kienet marret u qaltlu li kienet sabet impieg tas-Sliema f' Lukanda tnaddaf u dakinhar kien l-ewwel jum tax-xoghol taghha. Tghid li spjegatlu fejn kien dan l-impieg, kif sabitu u l-hinijiet li qed tkun qed tahdem hemm. Dak il-hin qallha li ghandha tigbor hwejjigha u lit-tfal u titlaq mill-flat. Qallha li jekk binthom il-kbira Manuela trid tghix mieghu setghet thalliha hemm pero' kellha tigbor l-ohrajn u titlaq 'l hemm. Qaltlu li ma kienx hemm raguni ghaliex kellha titlaq meta fil-fatt kienet marret ghax-xoghol u qallha li kien ser itiha gimgha chance u jekk ma tohrogx kien ser jaghtiha bis-sieq u iwaqqaghha it-tarag l-isfel u jekk jghamel hekk qallha li tmut u imbaghad wara jitfa' hwejjigha 'l barra.

Ftit wara hareg u hija qadet id-dar mat-tifla Michelle tnaddaf. U meta irritorna lura id-dar ma kellimhiex u mar jsitrieh fil-kamra tas-sodda . Waqt li Michelle kienet qed tilghab bil-mobajl waqghalha mit-terrazin u inkiser. Bintha Manuela irrirtornat lura id-dar u qaltilha biex ma tghidx lil misseiraha li Michelle kienet kisritilha l-mobajl ghaliex kien jirrabja maghha anke ghal dan.

Mistoqsija jekk irraportatx incidenti ohra lil Appogg, u ghaddiet biex tispjegalhom l-insulti li grew il-Hadd ta' qabel. Qalet li jekk tiftakar korrettement kien jum it-13 ta' Ottubru fil-ghodu meta kienu fil-kcina u kellhom xi jghidu meta l-appellant waddab l-affarijiet ma l-art u meta rat dan isehh telqet tigri 'l hemm mill-kcina ghal gol-living room ghaddiet mill-kuritur tghajjat ghaliex kienet qed tibza minn dak li kien ghaddej u dak il-hin hin Manuela kienet fil-kamra tal-banju u ma tafx x'kien ghaddej. Qalet li marret taqbad lil Manuela biex izommha u marret taht l-hadida tal-moghdija izda l-appellant qabadha u taha bis-sieq fuq darha u wara beda jaghti b'idu lil *ironing board* u wara beda jaghtililha fuq spallejha.

Michelle kienet imwerwra u ghajnejha marru fuqha. Michelle resqet lejn is- sufan u hija segwietha u l-appellant segwiha u bdiet tghajjat biex jieqaf darba darbtejn. Mauela li kienet fil-kamra tal-banju semghatha u kellha il-mobajl f'idejha u cemplet lil habiba taghha. Imbaghad waqaf u halliha bi kwieta. Ghall-ewwel mar hdejn Manuela biex ikellimha u qallha li hija gieghlitu jghamel hekk u cioe' li pprovokatu imbaghad telaq 'l hemm ghax cempillu l-kugin tieghu . Naturalment bdiet tibki u qadet id-dar bit-tfal .

Qalet li dejjem jghajjarha li hi mara hazina u dan anke quddiem it-tfal. Qalet li kienet ilha xi xahar li telqet mill-kamra tas-sodda matrimonjali u bdiet torqod ghar-rasha. Qalet li fil-prezent qed tghix iz-Zurieq fi flat mikri waqt li l-appellant qed ighix ma ommu. Qalet li pprova ikecciha 'l barra pero' qaltlu li la isimha qieghed fuq il-kuntratt ma kienitx ser tohroglu qabel ma l-kuntratt jiskadi.Mistoqsija kemm il-darba sehhew dawn l-incidenti qalet li kienu ilhom jghixu flimkien ghal hmsitax-il sena u fil-fatt ma tahsibx li dan hu proprju l-karattru tieghu izda tahseb li ghandu bzonn l-ghajnuna.

L-**Ispettur Roderick Attard** xehed iu spjega li nhar it-23 ta' Ottubru, 2018 ghall-habta tal-10.30 Natalia Pirova irraportat l-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq li s-sieheb taghha ma min kienet qed tikkoabita u cioe' l-appellant kien qed ikun abbusiv lejha. Sahqet li kien kontinwament abbusiv maghha b'mod verbali u nhar il-Hadd ta' qabel jigifieri l-14 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tad-9.00p.m kien hemm argument fejn l-appellant beda iwaddab l-affarijiet lejha u anke kiser *iron board*. Il-kwerelanta qaltlu ukoll li nhar l-20 ta' Ottubru, l-appellant kien qallha li jekk sa zmien gimgha ma titlaqx 'l bara kien ser joqtolha. Kien hawnhekk li gew infurmati is-social workers tal-Agenzija Appogg u sar ukoll *risk asessment* li skorja 26.5 jigifieri li kien *high risk* u giet infurmata l-Magistrat tal-Ghassa u kien ghalhekk li ghadda biex jesegwixxi arrest u ressaq lill-appellant il-Qorti taht arrest. Ir-risk assessment jinsab esebit fl-atti minn fol. 14 sa fol. 18.

**Silvana Calleja** xehdet nhar id-29 ta' Marzu, 2019 u spjegat illi hija giet mghajta biex tghamel *risk assessment* tas-sinjura Pirova l-kwerelanti u dan nhar il-21 ta' Ottubru, 2018 u wara li esploraw is-sitwazzjoni ikkkonkludew li hija high risk u ghalhekk infurmaw lill-pulizija dwar dan. Ikkonfermat li r-rapport esebit fl-atti sar minnha u minn kollega taghha Marilyn Agius.

L-appellant **Caven Cutajar** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar l-1 ta' Novembru, 2019 u dan kkonferma li kien jghix mal-kwerelanti ghal madwar erbatax-il sena. Flimkien ghandhom zewgt itfal u bhal kulhadd kellhom il-problemi taghhom Mistoqsi jekk hux minnu li nhar l-14 ta' Ottubru huwa hebb ghall- kwerelanti jghid li mhuwiex minnu u li qatt ma messha. Dwar l-incident tal-20 ta' Ottubru ighid li kien jum is-Sibt u l-kwerelanti harget bla ma qaltlu, tilfet it- telefon u bintu l-kbira qaltlu li kienet marret tahdem izda huwa kien jaf li ma kienitx xoghol. Qal li huwa flimkien ma bintu Michelle ta' sitt snin u Manuela li ghandha erbatax-il sena qadu jistennewha d-dar. Meta waslet lura d-dar kellhom argument u qallha ghaliex kienet qed titfi l-mobajl u ma twigbux u bintu regghet qaltlu li ommha marret tahdem. Ghalhekk mar jiccekja u hemmhekk tkellem mal- mangaer taghha fit-tarag u ftit wara raha tiela t-tarag u kienet diehla ghax-xoghol u ghalhek kienet veru li kienet xoghol pero' xorta jghid li ma kienitx qed tikkomunika mieghu. Jghid li illum ir-relazzjoni ta' bejniethom spiccat.

In kontro esami jghid li kien veru li fl-20 ta' Ottubru 2018 kellhom argument bejniethom izda mhux veru li uza theddid fil-konfront taghha. Qal pero' li huwa minnu li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet ilha xi xhur tiddeterjora. Cahad b'mod kategoriku li kien qatt vjolenti maghha ghalkemm ikkonferma li argumenti bejniethom kien hemm.

*A tempo vergine* tal-investigazzjoni l-appellant irrilaxja stqarija li tinsab esebita fl-atti a fol. 11 markata bhal dok RA 2. Stqarr li huwa ragel mizzewweg izda kien divorzjat u kien ilu jghix mal-partner tieghu, il-kwerelanti ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena. Mistoqsi jekk kienx ikun hemm dizgwid bejnu u l-partner tieghu jghid li kien ikun hemm ghaliex l-kwerelanti kienet tohrog 'l barra u thalli lill-uliedha wahedhom. Mistoqsi jekk kienx minnu li kien qal kliem ta' theddid lill-kwerelanti ighid li ma hux minnu u lanqas ma kien veru li nhar l-14 ta' Ottubru, 2018 kien hemm argument bejnu u bejn il-kwerelanti Jghid li xi tlettax-il sena kien hemm incident vjolenti bejniethom minn naha tal-kwerealnti meta kienu fir-restaruant tieghu. Spjega li kellu l-Pizza House gewwa Paceville u dejjem kien isib ix-xaghar fil-platti u kien irrabja maghha u hija qabdet zewg siggijiet u wadbithomlu. Qal li huwa ma kienx messha, kien irraporta lill-pulizija u dawn kienu baghtuha lura pajjizha. Qal li imbaghad rega baghat ghaliha u regghet irrotrnat lura Malta. Qal li kien ghalaq ir-restaurant u mar ighix l-Italja maghha. Ghamel xi zmien l-Italja ma jahdimx izda imbaghad anke sab xoghol gewwa Mantova. Qal li huwa ghandu relazzjoni tajba hafna ma uliedu tant li bintu Manuela tghid li jekk jinfired minn ma ommha tmur tghix mieghu.

Mistoqsija jekk hux minnu li qal lill-kwerelanti li jekk ma tohrog mid-dar sa zmien gimgha kien ser joqtolha jghid li mhux minnu xejn.
Qal li kien ghajjat maghha ghaliex kienet tixrob xorb alkoholiku. Darba minnhom anke gabet habib taghha jghix maghhom id-dar ghal jumejn u beda jirrabja maghha ghaliex kienet tigri bil-qalziet ta' taht quddiemu.

Ikkunsidrat.

Illi għalhekk il-fatti fil-qosor kienu s-egwenti. L-partijiet u cioe' l-akkuzat appellant u l-*parte civile* ghandhom zewgt it- tfal in komuni wara li kienu ilhom f'relazzjoni extra maritali ghal dawn l-ahhar hmistax jew erbatax-il sena. Illi nhar il-21 ta' Ottubru, 2018 kif jirrizulta mill-okkorenza esebita fl-atti l-*parte civile* marret taghmel rapport l-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq ma PS 1434 Mario Mercieca li gimgha qabel u cioe' nhar l-14 ta' Ottubru 2018 l-akkuzat Caven Cutajar allegatament kien hebb ghaliha u heddidha. Jirrizulta minn qari ta' din l-okkorenza li rraportat li fl-14 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tad-9.00a.m inqala argument bejniethom u meta talbitu biex jiskuza ruhu l-argument allegtament eskala u l-akkuzat allegatament beda iwaddab l-affarijiet ta' gol kcina ma l-art kif ukoll kisser l-iron board. Irraportat ukoll li l-akkuzat kien hebb ghaliha u taha daqqa ta' sieq fuq darha u ohra bil-ponn fuq spallitha. Irraportat ukoll li lejliet kien qallha li jekk ma tohrogx mid-dar fi zmien gimgha kien ser joqtolha.

Is-sugent baghat ghall-akkkuzat u kkonferma li nhar l-14 ta' Ottubru, 2018 verament kien qabad zewg flixken tal-ilma u tefaghom ma l-art u jghid li inkisret l- iron board ghaliex kien strah maghha pero' innega li kien hebb ghaliha jew li heddidha. Dan pero' jindika minnufih li fi-fatt kien hemm argument u li kien aggressiv meta tefa l-flixken ma l-art.

L-akkuzat jichad b'mod kategoriku li qatt sawwatha ghalkemm jghid li kien hemm okkazzjonijiet fejn ghajjat maghha u dan meta issuspetta li kellha relazzjoni ma terz u meta hass li kienet qed tigdiblu Jichad b'mod kategoriku li qatt heddidha bil-mewt.

Illi ghalhekk qabel xejn kollox jiddependi fuq l-kredibilita tax-xhieda. Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza fil-kawza flismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** [1]fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

---

[1] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** [2]qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*

Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** [3], il-Qorti qalet:-

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx" (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino***[4]*."(*Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**[5] , **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fene**ch[6] , **Il-Pulizija vs.Mohammed Mansur Ali**[7], **Il- Pulizija vs. Mario Pace**[8] u **Il- Pulizija vs. Hubert Gatt**[9].

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** [10] il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

---

[2] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012,
[3] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003
[4] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 t' Ottubru 2006
[5] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012.
[6] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012
[7] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl- fl-24 ta' Jannar 2013
[8] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Frar 2013
[9] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil- 31 ta' Ottubru 2013.
[10] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013

Ikkunsidrat

Fir-rigward l-ewwel aggravju l-appellant jghid li reat kif kontemplat fl-artikolu 251B ( 1) qatt ma jista jissusti u dan ghaliex hemm bzonn ta' 'course of conduct' u fil-fehma tieghu l-kwerelanti irraportat incident isolat wiehed biss. Dwar dan l-Qorti tghid li huwa minnu li l-ligi teseigi li jkun hemm *course of conduct* ghall-esistenza ta' dan ir-reat pero' kuntrarjament ghal dak li stqarr l-appellant, huwa gie akkuzat talli fl-20 ta' Ottubru 2018 u fil-jiem u xhur ta' qabel ikkaguna biza fuq il-persuna tal-parte civile li ser tintuza vjolenza. Ghalhekk minnufih l-prosekuzzjoni ittentat tispejga li fil-fatt kien hemm itkar minn okkazzjoni wahda fuq medda qasir ta' zmien fejn effettivament l-appellant ikkaguna biza fuq il-parte civile.

Dan ir-reat huwa kunsidrat li jaqa' taħt it-tipoloġija ta' reati li jikkostitwixxu l-fastidju. Il-ġurisprudenza Maltija turi b'mod ċar li sabiex dan ir-reat jiġi integrat, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li :

(a) l-imġieba tal-imputat tkun tali li
(b) permezz tagħha huwa jikkaġuna lil ħaddieħor
(c) biża li ser tintuża vjolenza kontra l-persuna jew proprjeta tiegħu jew ta' persuni qrib tiegħu skont kif imfisser fil-liġi.

Qabel xejn din l-imġieba trid tkun imġieba mifruxa fuq aktar minn okkażjoni waħda. Inċident waħdieni magħmul f'okkażjoni waħdanija mhix biżżejjed biex tintegra dan ir-reat. Irid ikun hemm course of conduct – ossija aktar minn episodju wieħed mifrux fuq aktar minn okkażjoni waħda u li turi ripetizzjoni. Dan joħroġ ċar minn analiżi tal-każijiet prinċipali dwar din il-materja fosthom **Il-Pulizija vs. Alex Caruana Carabez**,[11] **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini,**[12] **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**,[13]0 **Il-**

[11] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-21 ta' Gunju , 2007 .
[12] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-27 ta' Frar , 2009 .
[13] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-24 ta' April ,2009

**Pulizija vs Julian Genovese**,[14] **Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar**,[15] **Il-Pulizija vs. Brian Micallef,**[16] u l**-pulizija vs Deemer Tabone**[17] fost oħrajn

Illi ghalhekk biex din il-Qorti tasal biex tara jekk dan ir-reat sehh l-ewwel trid tkun konvinta mix-xhieda moghtija mill-*parte civile* stante li in effetti huwa l-imgieba tal-akkuzat li jrid jikkaguna biza lill-*parte civile* li ser tintuza vjolenza kontra taghha. Dan qed jinghad ghaliex xhieda okulari tal-incident ma tresqux u l-akkuzat cahad b'mod kategoriku li huwa hedded jew ingurja lill-parte civile jew addiritura ikkaguna xi biza li ser tintuza x vjolenza fuqha

L-*parte civile* Natalia Pirova xehdet f' dawn l-atti nhar id-9 ta' Novembru 2018 u ghalhekk ftit wara li kienet pprezenta ruhha l-ghassa taz Zurrieq u ghamlet ir-rapport esebit fl-atti a fol. 7[18] Jirrizulta li meta fil-fatt marret taghmel r-rapport taghha l-ufficcjal tal-pulizija hadilha il-versjoni ta' dak li kien sehh. Din spejgat li allegtament lejliet dakinhar li ghamlet ir-rapport taghha, l-akkuzat kien qallha li jekk ma titlaqx mid-dar matrominjali fi zmien gimgha kien ser jitfaghha it-tarag u jekk itiha bis-sieq seta jotolha u qallha ukoll li wara kien ser jarmilha hwejjigha barra mid-dar. Dan l-allegat incident ghalkemm kien wiehed frisk f'mohh l-parte civle ghaliex allegatament kien sehh lejliet dakinhar tal -incident ma tkelmitx dwaru fit tul mal-pulizija pero' stqarret[19] li zewgha qallha 'li jekk ma titlaqx mid-dar fi zmien gimgha joqtolha'. Fl-okkorenza l-*parte civile* tidhol f'dettal f'dak li kien sehh nhar l-14 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tad-9.00am fejn tispejga kif dakinhar ghalkemm dwar id-data meta xehdet tghid li ma hiex certa tghid li l-akkuzat kien waddab xi affarijiet ma l-art u hebb ghaliha u taha daqqa ta' sieq fuq darha u ta' daqqa ta' ponn fuq spallejha u ta' diversi daqqiet fuq l-ironing board. Jirrizulta li l-pulizija talabha iggib certifikat mediku dwar incident li kien gie rapportat li sehh gimgha qabel u minn esami ta' dan ic-certifikat ma jidhrix li kien hemm xi xinjali ta' vjolenza fuq l-persuna tal-parte civile.

---

[14]Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nah riot-12 ta' Awwissu, 2010
[15] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar l-24 ta' Jannar, 2011;
[16]Moghtija mill- Qorti tal-Appell Kriminali, nhar l-14 ta' Ottubru, 2011.
[17] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-15 ta' Lulju 2016.
[18] Dok RA 1
[19] Fol. 9

Jinghad li fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti nhar id-9 ta' Novembru, 2018[20] hija ikkonfermat dak li kienet qalet lill-pulizija kif rapportat fl-okkorenza u cioe' li kien inqala argument bejnha u bejn l-akkuzat u kien jum il-Hadd. Issa jekk wiehed jara x'kien jum il-Hadd jirrizulta li kien l-14 ta' Ottubru 2018 u ghalhekk meta stqarret fix-xheda taghha li l-incident sehh fit-13 fil-fatt dan sehh fl-14 kif rapporat minnha fl-okkorenza. Id-dettalji dwar dak li kien gara dakinhar u cioe' li l-akkuzat kien waddab xi afffarijiet minn gol kcina huwa ukoll konfermat minn l-akkuzat ghalkemm jghid li kienu zewg flixken tal-ilma tal-plastic li tefa' ma l-art u jghid ukoll li veru l-ironing board inkisret izda mhux ghax taha bil-ponn kif qalet l-kwerelanti izda ghaliex stqarr lil PS 1434 kif rapportat fl-okkorenza li kien serrah maghha. Ghalhekk sa certu punt hemm korrobroazzjoni dwar dak li qalet l-kwerelanti ghalkemm mhux fit-totalita tal-versjoni moghtija minnha. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'l ghala ghandha tinterferixxi fil-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti u dan ghaliex a bazi tal-provi prodotti l-ewwel Qorti setghet tasal ghas-sejbieb ta' htija ta' l-ewwel akkuza.

Id-difiza tghid li kien in vero simili li l-kwerelanti tistenna gimgha beix taghmel ir-rapport taghha. Jinghad li veru l-kwerelanti messha ghamlet ir- raport mill-ewwel pero' id-difiza trid tifhem li l-kwerelanti kienet ilha tghix mal-akkuzat ghal madwar hmistax-il sena u ghalhekk ma kienx facli ghaliha tghamel dan ir-rapport molto piu meta tqis li ghandha zewgt itfal minghand l-akkuzat. Jibqa dejjem il-fatt li l-incident rapportat mill-kwerelanti gie konfermat mill-akkzuat ghalkemm mhux fit-totalita tieghu.

Dwar it tieni aggravju u cioe' li l-akkuzat hebb ghal *parte civile* nhar l-14 ta' Ottubru 2018 sabiex jingurjaha jew idejjaqha l-akkuzat jghid li din l-akkuza ma ghandhiex tirrizulta u dan ghaliex l-*parte civile* ma xehditx fuq incident li allegatament sehh fl-14 ta' Ottubru 2018. Jidher minn ezami tax-xhieda tal-*parte civile* li l-incident li tkelment dwaru sehh izda dwar id-data tghid li jekk tiftakar sew sehhfit-13 ta' Ottbru, 2018 u mhux fl-14 u ddiskreviet dak li allegatament ghaddiet minnu u cioe' li l-akkuzat kien sawwatha billi taha bis-sieq u bil-ponn quddiem uliedha. Illi dan l-agir jaqa' taht reat differenti u mhux dak ta' hebb kif kontemplat fl-artikolu 339 ( 1) (c) tal-kap

[20] Fol. 28

9 tal-ligijiet ta' Malta. Jinghad li l-akkzuat kien jaf ghal liema incient kienet qed tirrferi l-kwerelanti minkejja li semmeit bhala data tit-13 ta' Ottubru 2018 u dan ghaliex fil-fatt jaqbel maghha li dakinhar kien tefa xi affarijiet ma l-art u ghalhekk il-fatt li l-kwerelanti iccitat data hazina ma jwassalx ghall- liberazzjoni tieghu

Issa, fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Pace** [21] intqal:

*"L-ewwel Qorti rravvizat fl-ghemil ta' l-appellant il-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 339(1)(d) tal- Kodici Kriminali. Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '… attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …' (enfasi mizjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiziku multo magis wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi."*

Illi l-kwerelanti tghid li l-akkuzat kien attakha u kkagunalha feriti fuq il-persuna taghha u ghalhekk semmai l-proskeuzzjoni messha akkuzat lill-appellant bir-reat kif kontemplat fl-artikolu 221 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u cioe' li kkaguna feriti ta' natura hfief fuq il-persuna tal-*parte civile* f'kaz li jirrizultaw li kien hemm xi feriti u mhux bid-disposizjoni kontemplata fl-artikolu 339 (1) (d) u ghalhekk ta' din l-akkzua l-Qorti mhux ser issibu hati.

Fit-tielet aggravju l-appellant b'referenza ghall-incident li allegatament sehh fl-20 ta' Ottubru 2018 jistqarr li huwa qatt ma ingurja jew hedded lil martu meta gie mistoqsi fl-istqarrija li irrilazja a tempo vergine tal investigazzjoni l-ghada ta' l-allegat incident. L-appellant jghid li m'ghandux jinstab hati ta' din l-akkuza ghaliex il-prosekuzzjoni ma resqet lil hadd biex jikkorobora ix-xhieda moghtija mill-kwerelanti. Dwar dan l-aggravju pero' jinghad li skont l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9,

[21]Moghtija mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar id 9 ta' Mejju 1997

ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed.

Kif tenniet din il-Qorti diversitament komposta fid-decizjoni moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Magri** [22] meta qalet :- "*Kif tajjeb osserva l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, xhud wiehed jekk emnut, huwa bizzejjed biex iwassal ghal sejbien ta' htija (art. 638 (2) Kap. 9) pero' hemm certa regoli x'jigu osservati qabel il-Qorti ma tkun tista' titfa l-piz kollu ta' kredibilita' fuq dak ix-xhud. Fosthom hemm l-imgieba, l-kondotta w il-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ixxiehda ghandix mis-sewwa jew ihiex konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda w jekk ihiex imsahha minn xiehda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz (art. 637 Kap. 9).*"

Fic-cirkostanzi odjerni l-ewwel Qorti ghogbtiha temmen lill-kwerelanti a skanz li ma temminx lill-appellant. Din il-Qorti ma tistax tasal sabiex tabbraccja dak li qal l-appellant li l-kwerlanta xehdet b'mod inveritier izda tabqel ma l-ewwel Qorti li hija xhud kredibbli u verosimili u ghalhekk b'dak li qal l-appellanti lill-kwerealnti nhar l-20 ta' Otturbu 2018 u cioe' li jekk ma tohrogx mid-dar matrimonjali fi zmien gimgha kien ser iwaddabha it- tarag u joqtolha jammonta ghal kontravenzjoni kif kontemplata fl-artikolu t 339 ( 1) ( e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Fil-fatt is-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Joseph Frendo**[23], din il-Qorti kif diversament ippresjeduta rriteniet illi:

*'Fil-kuntest ta` l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent.'*

Dan hu proprju li ghamel l-appellant u cioe' li ipprospetta lill-persuna tal-kwerelanti hsara ingusta fil-futur li tiddependi mill-volonta ta' l-istess agent qua appellant.

---

[22] Moghtija mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar il-21 ta' Jannar 2011

[23] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Lulju 1995

Dwar ir- raba aggravju u cioe′ li l-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova beix tissostanzja l-akkuzai taghha  jinghad li a bazi ta′ dak li intqal aktar il-fuq il-prosekuzzjni resqet l-provi li kellha li waslu ghal certu kundanni kif spejgat aktar l′ fuq u konsegwentent din ir-raba aggravju qed jigi respint minnufih.

Jinghad li l-appellant ma pprezenta l-ebda aggravju dwar il-piena imposta pero′ stante li ma hiex ser issibu hati tat-tielet akkuza kuntrarjament ghal sejbien ta′ htija ta′ din l-akkzua mill-ewwel Qorti hija ser ikollha taghmel temperament fil-piena.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fir-rigward fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tieni akkuza pero′ sejra tilqa′ l-apell tal-appellant fir-rigward tat-tielet akkuza minn liema akkuza ser tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Ghalqdaqstant fir-rigwad tal-piena li sejra taghti fir-rigward ta′ l-ewwel u tieni akkuza, hija sejra timmodifika l-piena u minflok it-tlett xhur prigunerija sospiza ghal perijodu ta′ sentejn hija sejra tikkundanna lill-appellant xahrejn prigunerija sospiza ghal sentejn.

Il-Qorti tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza fejn ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta rabtet lill-hati Caven Cutajar b′ Ordni ta′ Protezzjoni ghal zmien sentejn mill illum ghall-protezzjoni ta′ Natalya Pirova. Il-Qorti fisret lill-appellant Caven Cutajar bi kliem car u li jiftiehem, l-effetti ta′ l-Ordni ta′ Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness mas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti .

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur